C/2025/1334

13.3.2025

P9_TA(2024)0285

Id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni: Direttiva

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' April 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tad-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (COM(2023)0148 – C9-0038/2024 – 2023/0077B(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2025/1334)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0148),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0038/2024),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2023 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-5 ta' Lulju 2023 ([2]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-22 ta' Diċembru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-21 ta' Frar 2024 li tawtorizza lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jaqsam il-proċedura leġiżlattiva u jipproċedi bit-tressiq ta' żewġ testi konsolidati separati biex jiġu eżaminati fil-plenarja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

— wara li kkunsidra l-ittri tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A9-0151/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 293, 18.8.2023, p. 112.
([2]) ĠU C, C/2023/253, 26.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/253/oj.

P9_TC1-COD(2023)0077B

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-11 ta' April 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tad-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, id-Direttiva (UE) 2024/1711.)